MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 303/2005

**Angelo (ID 179659 M) u Carmela (ID 569361 M) konjugi Abela**

**vs**

**Raniero Paul Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-23 ta' Mejju 2005 fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elf disa' mija u tlettax-il lira Maltin u tlett centezmi (Lm1913.03) flus li huwa ggarantixxa ghal Bank of Valletta plc liema flus huwa ghandu jirrifondihom lura lilhom galadarba hallas kollox lill-istess Bank kif jirrizulta mir-ricevuti hawn annessi u dan oltre l-imghax legali mit-13 ta' Mejju 2005.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1138/05 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-esponenti anzi huwa kreditur tal-atturi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut Raniero Paul Borg ha *loan facility* mill-Bank of Valletta fil-15 ta' Gunju 1998 ghas-somma ta' ghaxart elef lira. Fuq din il-facilita' l-attur Angelo Abela kkonstitwixxa ruhu garanti lejn l-istess bank. Il-pagamenti saru b'mod regolari sa l-2001 izda f'April 2002 bdew jidhru l-problemi meta l-konvenut waqa' lura fil-pagamenti. Saret pressjoni fuqu sabiex dan ihallas izda kien ghalxejn u hawnhekk il-bank dar fuq l-attur bhala garanti biex jaghmel tajjeb ghal bilanc li kellu l-konvenut mal-bank. Saret laqgha quddiem il-bank manager Edwin Buhagiar fil-5 t'Awissu 2004 wara illi fl-14 ta' Jannar 2004 is-Sur Abela ghamel pagament ta' elfejn lira. Fil-kors tan-negozjati l-bank kien insista ma' l-attur illi dan jiftah kont maghhom ghall-ammont ta' elfejn lira. Dana l-ghaliex l-bank ghamiltha cara mieghu illi kienu ser jipprocedu kontra l-attur ghal bilanci illi kien ghad fadal tal-konvenut. L-attur ghamel dan id-depozitu u fit-13 ta' Mejju 2000 il-bank irtira s-somma ta' LM1713.03 biex b'hekk inghalaq il-kont.  A fol 36 Edwin Buhagiar ta spjegazzjoni cara u grafika ta' kif saru n-negozjati bejn il-partijiet u l-bank. Qal ukoll li kien ghamilha cara lis-Sur Abela li l-pagamenti li kien qed jaghmel kien qed jaghmilhom bhala garanti ta' Raniero Paul Borg peress illi f'dak l-istadju l-bank kien perswaz illi l-konvenut ma kienx sejjer ilahhaq jew jonera l-*"commitments"* tieghu mal-bank. Min nahha tieghu, l-attur Angelo Abela kien dejjem wera l-intenzjoni  illi dan jithallas lura minghand il-konvenut. Ix-xhieda tal-bank manager hija korroborata minn dik ta' l-attur stess (fol 16)

fejn ghamel elenku car tal-pagamenti kollha illi ghamel ghan-nom tal-konvenut, dana minn barra d-dokumenti illi hemm esebiti.

Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-kawza kienet differita diversi drabi sabiex il-konvenut jaghti x-xhieda tieghu, dana qatt ma deher u ghalhekk trid toqghod fuq ix-xhieda migjuba mill-attur. Il-Qorti tikkonsidra din ix-xhieda bhala wahda veritjera u sufficjenti sabiex tlahhaq dak il-grad ta’ prova rikjesta mill-ligi ghal kamp civili. L-attur mhux talli spjega l-fatti kif graw imma esebixxa wkoll dokumenti u pproduca l-manager tal-bank li kien instrumentali fil-gbir tal-flus u n-negozjati illi saru bejn il-partijiet.

L-istess bank manager ghamilha cara li l-flus kienu qeghdin jingabru mill-attur bhala garanti biex jaghmlu tajjeb ghal *“loan facility”* li originarjament kien hareg il-konvenut u kien fin-nuqqas ta’ dan ta’ l-ahhar illi l-bank kellu jdur fuq l-attur ghal hlas kif fil-fatt ghamel. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi t-talba ta’ l-attur hija wahda gusta u timmerita konferma.
Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta’ elf disa’ mija u tlettax-il lira Maltin u tlett centezmi (Lm1913.03) flus li gew garantiti mal-Bank of Valletta plc liema flus il-konvenut kellu jirrifondi lura lill-atturi ladarba kollox thallas lill-istess bank kif irrizulta fuq.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------